15 ta' Novembru 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Philip Agius et. pr. et ne. *versus* Charles Pace et. ne.**

## Obligazzjoni — Kawża Illeċita — Nullità — Konkorrenza Libera — Penali — Ġudikat

*Hija bla effett kwalunkwe obligazzjoni magħmula fuq kawża illeċita; u l-kawża hija illeċita meta hija projbita mill-liġi, jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku; u konvenzjoni hija kontra l-ordni publiku meta hija kontra l-interess ġenerali. Għaldaqstant, il-konvenzjoni bejn nies tal-istess professjoni jew sengħa, li biha jiftehmu li ċerta merkanzija ma għandhomx ibiegħuha bi prezz anqas minn dak stabbilit bejniethom, taħt penali għall-każ ta' ksur ta' dan il-ftehim, hija nulla għax illeċita, billi tmur kontra l-interess tal-pubbliku.*

*Imma, jekk issir kawża li fiha l-attur jeżiġi l-penali kontra diversi konvenuti għax kisru dik il-konvenzjoni, u qabel kien hemm kawża oħra ma uħud mill-kontendenti fejn il-kwistjoni tal-illiċejtà tal-ftehim ma ġietx sollevata u l-istess ftehim ġie virtwalment rikonoxxut mill-Qorti, dak il-ġudikat jiswa għall-konvenuti li kienu parti f'dak il-ġudizzju preċedenti; u dawn ma jistgħux aktar, fil-ġudizzju susseg-wenti, jissollevaw l-invalidità tal-ftehim; għax għalkemm dik il-kwistjoni ma kienetx ġiet sollevata fil-ġudizzju preċedenti, hu paċifiku li l-ġudikat jassorbixxi anki dawk l-eċċezzjonijiet li setgħu jiġu sollevati, iżda ma ġewx sollevati, fil-ġudizzju preċedenti.*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi proprio et nomine, prevja kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni, u wara li jiġu moghtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn,

peress illi l-konvenuti in assoċjazzjoni mal-atturi mportaw u biegħu żerriegħa tal-patata, skond skrittura tad-29 ta' Novembru 1954, u minn din l-assoċjazzjoni ġew rikavati l-profitti kif indikati fil-kont ossija prospett "A", liema profitti jmissu, skond l-istess skrittura, kwantu għal £2685.2.9 lill-konvenuti "Walker & Pace", £2953.15.5 lill-konvenuti Xerri u Zammit, u kwantu għal £3490.15.7 lill-atturi; u peress illi l-kontendenti daħħlu mill-bejgħ tal-istess merkanzija l-profitti ndikati fl-istess prospett "A", ammontanti f'kollox għal £9129.5.9; talbu (1) li jiġi dikjarat li l-istess profitti, jew oħrajn li talvolta jirriżultaw, imissu lill-kontendenti fil-proporzjonijiet fuq imsemmija, kif jirriżulta mill-istess prospett, billi jiġi l-istess prospett approvat, u okkorrendo dikjarat ġust u eżatt; (2) il-konvenuti "Walker & Pace" jiġu kundannati jħallsu lill-atturi is-somma ta' £281.17.9 bħala konteġġ jew ekwiparazzjoni tal-istess profitti li jmissu lill-atturi mill-istess operazzjoni taż-żerriegħa tal-patata; (3) u l-konvenuti " Xerri & Zammit" jiġu kundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' £340.19.10 għall-istess konteġġ jew ekwiparazzjoni tal-istess profitti dovuti lill-atturi fl-istess operazzjoni. Bl-imgħax tas-6% mid-9 ta' Jannar 1957; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru 1956 u 9 ta' Jannar 1957;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Mejju 1957, li biha ċaħdet it-talba attriċi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mid-deċiżjoni tal-kawża Ċitazzjoni Kummerċ Nru. 79/1957 in re "Charles Pace et. nomine vs. Philip Agius proprio et nomine et.", maqtugħa mill-istess Qorti fit-2 ta' Mejju 1957, jidher li l-Qorti ħasbet u qatgħet li d-dokumenti "A" u "B" msemmijin f'dik l-istess kawża huma illeċiti, u kwindi nulli, għar-raġunijiet hemm ampjament esposti u li għalihom issir riferenza. It-talba kontenuta f'din iċ-ċitazzjoni hija bażata fuq dawk l-istess konvenzjonijiet; b'mod li, jekk l-istess konvenzjonijiet huma ille-

ċiti, u per konsegwenza nulli, l-atturi odjerni ma għandhomx azzjoni ċivili kontra l-konvenuti in forza tagħhom;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, li biha dawn appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu r-revoka tagħha, u li jiġu akkolti t-talbiet tagħhom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kontra l-inċident tal-illiċejità tal-iskrittura tad-29 ta' Novembru 1954 (kif supplementata bl-oħra) l-atturi appellanti eċċepew il-forza tal-ġudikat naxxenti mis-sentenza tal-14 ta' Novembru 1956 (Ċitaz. 631/1955), fl-ismijiet "Philip Agius vs. Charles Pace et.";

Dik is-sentenza żgur ma tagħmelx stat fil-konfronti tal-appellati Pace u Muscat, għaliex l-appellanti odjerni kienu irrinunzjaw għat-talba in kwantu diretta kontra tagħhom, u kwindi huma ma kienux imdaħħlin fid-dispożitiv;

Kwantu għall-appellati Zammit u Xerri, però, dik is-sentenza tagħmel stat; u għalhekk fil-konfront tagħhom il-lum ma hux aktar possibbli li tiġi sollevata l-kwistjoni tal-validità ta' dik l-iskrittura. Infatti, f'dik is-sentenza l-Qorti akkoljiet id-domandi, u kkundannat lill-appellati Zammit u Xerri li jirrendu l-kontijiet in bażi għal dik l-iskrittura. Għalhekk il-Qorti, f'dik is-sentenza, virtwalment irrikonoxxiet il-validità tal-istess skrittura. Hu veru li l-inċident tal-validità tal-iskrittura ma ġiex sollevat f'dik il-kawża, imma hu wkoll paċifiku fid-Dritt li l-ġudikat jassorbixxi anki dawk l-eċċezzjonijiet li setgħu ġew sollevati iżda ma ġewx sollevati (Kollez. XXIX-II-31). Konsegwentement, il-ġudikat jiswa għall-appellati Zammit u Xerri, iżda ma jiswiex għall-appellati Pace u Muscat, u għar-rigward ta'

dawn tal-aħħar għandha tiġi eżaminata l-istess il-kwistjoni tal-validità tal-iskrittura;

Dwar dan il-punt, ikkunsidrat;

Bis-sentenza li din il-Qorti għadha kemm tat il-lum fil-kawża "Pace et. ne. vs. Agius et. pr. et ne.", nru. 79 tal-1957, ġie deċiż li l-iskrittura fuq imsemmija tad-29 ta' Novembru 1954 (Dok. "A" f'dik il-kawża) kif supplementata b'dik tat-3 ta' Diċembru 1954 (Dok. "B" f'dik il-kawża), huma illeċiti, għaliex jikkontjenu kondizzjonijiet kuntrarji għall-ordni publiku, u li għalhekk minnhom ma toriġina ebda azzjoni;

F'din il-kawża, din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni tal-illiċejità, u tadotta l-istess raġunijiet li wassluha għal dik il-konklużjoni, kompriża r-raġuni li tat lok għal temperament fl-ispejjeż;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi u tipprovdi fuq l-appell billi;

Tiddikjara li, kwantu għall-appellati Zammit u Xerri, fil-kwalità li fiha ġew imħarrkin, ma tistax tiġi aktar sollevata l-kwistjoni tal-validità tal-iskrittura fuq imsemmija (kif supplementata), stante l-ġudikat fuq imsemmi fil-konfront tagħhom; iżda tiċħad il-preġudizzjali tal-ġudikat kwantu għall-appellati Pace u Muscat, fil-kwalità li fiha ġew imħarrkin; u tordna li l-ispejjeż ta' dan l-inċident jitħallsu nofs mill-atturi appellanti u nofs mill-konvenuti appellati;

Tiddikjara illeċita l-iskrittura fuq imsemmija (kif supplementata bl-iskrittura l-oħra) kwantu għar-rapporti bejn l-appellanti u l-appellati Pace u Muscat, u tiċħad it-talba in kwantu diretta kontra tagħhom, bl-ispejjeż bla taxxa, d-dritt tar-Reġistru bin-nofs;

Tirrinvija l-proċess lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tal-

meritu fir-rapporti bejn l-atturi proprio et nomine u l-konvenuti appellati Zammit u Xerri nomine;

U b'hekk, u fis-sens premess, akkoljiet in parti u rrespinġiet in parti l-appell, rispettivament, u rriformat in parti s-sentenza appellata.